# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23/8

It-Tlieta 28 ta' April 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fl-4.45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

023.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

023.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (22/8 [7/04/2020])

023.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

023.4 Fondi tal-EU: Restawr ta` Ħitan tas-Sejjieħ;

023.5 Sejha ghall-Offerti: Bord ta` Evalwazzjoni

***GLC/01/2020 Gbir ta` skart domestiku mill-lokalita tal-Gudja b`uzu ta` vettura ta` servizz b`emissjoni baxxi***

023.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

023.7 Rapporti;

023.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

023.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

023.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-erbgha u nofs ta` filgħaxija (4.30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 023.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li kien hemm ittra ta` apologija minghand il-kunsilliera M. Micallef. Din it-talba giet milqugha minn dawk prezenti.

## 023.2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (22/8 [7/04/20])

023.2.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 22/8 nem con.

**023.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

023.3.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill ghamel komunikat mall-IM dwar il-ftuh ta` ring road fil-Gudja, fejn l-istess Kunsill gie mitlub sabiex jibghat lill-IM jekk jafx ta` min huma l-artijiet. Il-Kunsillier S Caruana qal li ring road flok isir minn Vjal it-Torri ghal Triq Hal-Resqun ghandha ssir ghal Triq Hal Safi u dan sabiex il-karozzi jibghqu sejrin `il barra mill-Gudja u b`hekk it-traffiku ma jibqax jiccirkola gol-Gudja. Is-Sur Caruana qal li din kienet diga giet diskussa fil-laqghat tal-Kunsill precedent. Is-Sindku talbet sabiex jinstabu l-minuti ta` fejn kien gie diskuss dan.

023.3.2 Prezentati tlett kwotazzjonijiet sabiex tinzabar sigra tal-palm fil-Housing Estate tal-Mithna, fejn l-irhas offerta kienet ghal prezz ta` 220Euros inc VAT. Dwar dan kien hemm unanimu li l-Kunsill jmur ghall-irhas offerta.

023.3.3 Is-Sindku ghamlet referenza ghax-xoghlijiet li qed isiru fi Vjal it-Torri. Is-Sindku qalet li bhalissa xoghlijiet jinstabu weqfin mill-IM. MS Vella ziedet tghid li ser jsir it-tindif mehtieg mill-kuntrattur sakemm jergghu jinbdew ix-xoghlijiet. Il-kunsillier S Caruana qal li fi Vjal it-Torri ma gew mghoddija l-ebda servizzi ghax ma gietx mghoddija ebda katusa. Dwar dan is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jistaqsi lill-perit tal-IM jekk hux ser jinghadu servizzi minn taht l-art, hekk kif ser ssir it-triq. Is-Sindku ziedet tghid li dawk prezenti li central strip kienet ser tigi rrangata u kif ukoll li ser jinqaghlu sigar tal-ficus mill-istess kuntrattur ta` IM.

023.3.4 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-haddiema tal-Kunsill kienu ghamlu xi mantenzjoni fil-funtana ta` Gnien Raymond Caruana. Is-Sindku kompliet billi qalet li sar ukoll xoghol ta` qtugh ta` haxix fi Triq Bir Miftuh, Triq Hal-Resqun u Triq il-Gudja.

023.3.5 Is-Sindku ghamlet referenza ghal Triq J.Pace fejn proponiet sabiex din it-triq isir one way. Wara diskussjoni gie maqbul minn dawk prezenti li tehhel it-tabella tal-one way fil-parti ta` isfel u li ghalissa tithalla mghotija sakemm jitlestew it-toroq tal-vicinanzi. Gie ssugerriet ukoll li resident ta` dik iz-zona jigu nfurmati b`din it-tabella. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

023.3.6 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-ilmenti li wassal il-kunsillier S Caruana dwar ix-xoghlijiet li qed isiru fl-MIA. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li fil-granet li gejjin ghandha ssir laqgha dwar dan. Il-Kunsillier S Caruana qal li xoghlijiet baghqu ghaddejin sal-erbgha ta` filghodu.

023.3.7 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li minn Transport Malta, il-Kunsill gie mitlub sabiex jibghat lista ta` crossings li jinsabu fil-lokalita. Gie deciz li jintalab ukoll li jsir xi dawl maz-zebra crossing ta` Vjal it-Torri u ta` Triq Bir Mifuh. Barra minn hekk kien hemm qbil ukoll li z-zebra crossing ta` Triq Bir Miftuh u kif ukoll iz-zewg zebra crossings ta` Vjal it-Torri jitresqu. Kien hemm ukoll qbil li l-Kunsill jitlob lill-TM sabiex isir traffic light minn Triq Hal Luqa ghad-dahla ta` Bir Miftuh.

023.3.8 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li matul gimgha wahda biss kien hemm tlett rapport ta` tlett t`iqtates mejta. Dwar dan talbet li l-Kunsill ikun infurmat jekk ikun hemm aktar kazi simili.

023.3.9 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-haddiema tal-Kunsill ser jirrangaw il-grada ta` Bir Miftuh.

023.3.10 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-talba li saret minn resident dwar bankina fi Triq il-Fidwa. Il-Kunsillier S Caruana qal li bankina f`din it-triq ma tistax issir u dan minhabba li ghetiebi ta` djar huma baxxi. Gie ssugeriet li ssir kaxxa safra it-tul kollhu quddiem il-parking bays biex il-karozzi ma jipparkjawx ezatt mall-faccati. Dwar dan kien hemm qbil.

023.3.11 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar talba li kien hemm minghand resident sabiex is-Sibt 2 ta` Mejju 2020 isir street party fi triq. Dwar dan il-Kunsill ma sabx ogezzjoni u talab sabiex dan ir-resident jitlob il-permessi mehtiega mill-pulizija tad-distrett.

023.3.12 Giet prezentata korrispondenza dwar rilaxx ta` garanzija bankarja ta` xoghlijiet li saru fi Triq William Baker. Dwar dan kien hemm qbil li l-Kunsill ikellem lill-perit biex jicertifika li xoghol sar sewwa.

023.3.13 Giet prezentata korrispondenza dwar rilaxx ta` garanzija bankarja ta` xoghlijiet li saru fi Triq il-Kbira. Dwar dan kien hemm qbil li l-Kunsill ikellem lill-perit biex jicertifika li xoghol sar sewwa.

023.3.14 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-pagamenti pendent li ghad hemm mall-periti dwar xoghlijiet li saru fi Triq B`Bugia. Dwar dan gie deciz li dan l-item jigi diskuss meta kulhadd ikun prezenti.

**023.4 Fondi tal-EU: Restawr ta` Ħitan tas-Sejjieħ;**

023.4.1 Il-Kunsillier MA Sammut informa lil dawk prezenti li ntbaghtu diversi dokumenti li kien hemm bzonn biex tkun tista` tinhadem l-applikazzjoni u li ghad fadal ftit informazzjoni ohra titlesta sabiex tkun tista` tigi sottomessa l-applikazzjoni. Is-Sur Sammut qal ukoll li l-Kunsill irid jiehu hsieb jgib l-informazzjoni tas-sidien tal-ghelieqi biex jekk il-progett ikun ser isir dawn jigu nfurmati. Il-Kunsilier S Caruana qal li hemm diversi ghelieqi li huma propjeta tal-Gvern.

**023.5 Sejha ghall-Offerti: Bord ta` Evalwazzjoni**

***GLC/01/2020 Gbir ta` skart domestiku mill-lokalita tal-Gudja b`uzu ta` vettura ta` servizz b`emissjoni baxxi***

023.5.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li sejha ghall-offerti kienet giet ippublikata. Is-Sindku rrakomandat li l-evalwaturi ghal din is-sejha ghandhom ikunu jibqghu l-istess evalwaturi li kienu evalwaw offerti ohra. L-evalwaturi huma s-Sur Christ Falzon, Dr. Joe Sammut u s-Sur Michael Debono. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

023.6 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

023.6.1 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill japplika sabiex isiru charging points fi Vjal it-Torri u fi Triq Raymond Caruana. Dwar dan il-Kunsill ser jiccekja ma` Transport Malta.

023.7 **Rapporti**

023.7.1 Il-Kunsillier S Caruana nforma lil dawk prezenti dwar skart li qed jinhareg minn jiem qabel fi Triq il-Lewz, fejn talab sabiex jintbghatu diversi avvizi biex jigu segwiti regolamenti. Dwar dan is-Sindku qalet li diga` kienu ntbaghtu diversi notifiki lil din il-blokka partikolari.

023.8 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**

Ma kien hemm diskussjoni.

b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress**

Il-Kunsillier S Caruana staqsa jekk is-servizzi humiex ser jghaddu minn taht l-art hekk kif ser tinqala` triq. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jicekkja mall-Perit responsabbli.

c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto – progress**

Ma kienx hemm diskussjoni.

c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**

Ma kienx hemm diskussjoni.

d. **Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

Is-Sindku nfurmat li dawk prezenti li xoghol miexi sew. Il-Vici Sindku JM Calleja staqsa jekk il-pilastri tal-konkos humiex ser jitnehhew. Dwar dan il-Kunsill ser jiccekja mall-Project Leaser responsabbli.

023.9 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-lista ta' pagamenti nru 010/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mis-Sindku Dr. Marija Sara Vella u ssekondata mill-Vici Sindu JM Calleja għall-ammont totali ta' €25,075.35 u ġiet approvata nem con. Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-kontijiet tal-GO sabiex il-Kunsill jiccekja dwar kontijiet li l-Kunsill mhux jaghmel uzu minnhom.

023.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja neqsin kwart ta` filghaxija. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 19 ta` Mejju 2020 fit-7.45pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum 19 ta` Mejju 2020

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv